

# Il-Linji Gwida emendati dwar il- valutazzjoni tad-Dispożizzjonijiet Tekniċi



**eiopa**

European Insurance and  
Occupational Pensions Authority

#### ĠDIDA: Linja Gwida 0 – IL-PROPOZJONALITÀ

1. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom japplikaw il-Linji Gwida dwar il-valutazzjoni tad-dispożizzjonijiet tekniċi b' mod li jkun proporzjonat għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tar-riskji inerenti fin-negozju tagħhom. Dan ma għandux jirriżulta f' devjazzjoni materjali tal-valur tekniku mill-ammont attwali li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jkollhom iħallsu kieku kellhom jittrasferixxu l-obbligi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni tagħhom immedjatament lil impriża oħra tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni.

#### ĠDIDA: Linja Gwida 24a – IL-MATERJALITÀ FL-IFFISSAR TAS-SUPPOŻIZZJONIJIET

2. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiffissaw suppożizzjonijiet u jużaw il-ġudizzju espert, b' mod partikolari billi jqisu l-materjalità tal-impatt tal-użu tas-suppożizzjonijiet fir-rigward tal-Linji Gwida li ġejjin dwar l-iffissar tas-suppożizzjonijiet u l-ġudizzju espert.
3. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jivvalutaw il-materjalità filwaqt li jqisu kemm l-indikaturi kwantitattivi kif ukoll daww kwalitattivi u jikkunsidraw l-avvenimenti binarji, l-avvenimenti estremi, u l-avvenimenti li ma humiex preżenti f' *data* storika. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jivvalutaw b' mod globali l-indikaturi kkunsidrati.

#### ĠDIDA: Linja Gwida 24b – Il-governanza tal-iffissar tas-suppożizzjonijiet

4. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiżguraw li l-iffissar kollu tas-suppożizzjonijiet u l-użu tal-ġudizzju espert b' mod partikolari, isegwi proċess ivvalidat u ddokumentat.
5. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiżguraw li s-suppożizzjonijiet huma derivati u użati b' mod konsistenti tul iż-żmien u fl-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, u li huma adattati għall-użu maħsub tagħhom.
6. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom japprovaw is-suppożizzjonijiet f' livelli ta' superjorità suffiċjenti skont il-materjalità tagħhom, għall-parti l-kbira tas-suppożizzjonijiet materjali sa u inkluż il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju.

#### ĠDIDA: Linja Gwida 24c – Il-komunikazzjoni u l-inċertezza fl-iffissar tas-suppożizzjonijiet

7. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiżguraw li l-proċessi li jirrigwardaw is-suppożizzjonijiet, u b' mod partikolari dwar l-użu tal-ġudizzju espert fl-għażla

ta' dawk is-suppożizzjonijiet, jippruvaw b' mod speċifiku jnaqqsu r-riskju ta' nuqqas ta' fehim jew ta' komunikazzjoni bejn ir-rwoli differenti relatati ma' tali suppożizzjonijiet.

8. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jistabbilixxu proċess ta' feedback formali u dokumentat bejn il-fornituri u l-utenti tal-ġudizzju materjali tal-esperti u tas-suppożizzjonijiet li jirriżultaw.
9. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom juru biċ-ċar l-inċertezza tas-suppożizzjonijiet kif ukoll il-varjazzjoni assoċjata fir-riżultati finali.

ĠDIDA: Linja Gwida 24d – Id-dokumentazzjoni tal-iffissar tas-suppożizzjonijiet

10. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiddokumentaw il-proċess tal-iffissar tas-suppożizzjonijiet u, b' mod partikolari, l-użu ta' ġudizzju espert, b' mod li l-proċess ikun trasparenti.
11. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jinkludu s-suppożizzjonijiet li jirriżultaw u l-materjalità tagħhom, l-esperti involuti, l-użu maħsub u l-perjodu ta' validità fid-dokumentazzjoni.
12. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jinkludu r-raġunament tal-opinjoni, inklużi l-bażi ta' informazzjoni użata, bil-livell ta' dettall meħtieġ sabiex tagħmel trasparenti kemm is-suppożizzjonijiet kif ukoll il-proċess u l-kriterju għat-teħid tad-deċiżjonijiet użati fl-għażla tas-suppożizzjonijiet u mingħajr ma jitqiesu alternattivi oħra.
13. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiżguraw li l-utenti ta' suppożizzjonijiet materjali jirċievu informazzjoni ċara u komprensiva bil-miktub dwar dawn is-suppożizzjonijiet.

ĠDIDA: Linja Gwida 24e – Il-validazzjoni tal-iffissar tas-suppożizzjonijiet

14. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiżguraw li l-proċess għall-għażla tas-suppożizzjonijiet u għall-użu tal-ġudizzju espert huwa vvalidat.
15. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiżguraw li l-proċess u l-għodod għall-validazzjoni tas-suppożizzjonijiet u b' mod partikolari l-użu tal-ġudizzju espert, huma ddokumentati.
16. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom isegwu l-bidliet tas-suppożizzjonijiet materjali b' rispons għal informazzjoni ġdida, u janalizzaw u jispjegaw dawk il-bidliet kif ukoll id-devjazzjonijiet tar-realizzazzjonijiet minn suppożizzjonijiet materjali.
17. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, fejn fattibbli u xieraq, għandhom jużaw għodod bħall-ittestjar tal-istress jew l-ittestjar tas-sensittività.

18. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jirrevedu s-suppożizzjonijiet magħżula, filwaqt li jiddependu fuq esperti indipendenti interni jew esterni.
19. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiskopru l-okkorrenza ta' ċirkostanzi li skonthom is-suppożizzjonijiet jiġu kkunsidrati foloz.

Emendata: Linja Gwida 25 – L-IMMUELLAR TAL-FATTURI TA' RISKJU BIJOMETRIKU

20. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw jekk approċċ deterministiku jew stokastiku huwiex proporzjonat għall-immudellar tal-inċertezza tal-fatturi ta' riskju bijometriku.
21. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw id-durata tal-obbligazzjonijiet meta jivvalutaw jekk metodu li jinjora l-bidliet futuri mistennija fil-fatturi ta' riskju bijometriki, huwiex proporzjonat, b' mod partikolari fil-valutazzjoni tal-iżball introdotti fir-riżultat mill-metodu.
22. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiżguraw li, meta jkunu qegħdin jivvalutaw jekk metodu li jassumi li l-fatturi ta' riskju bijometriku huma indipendenti minn kwalunkwe varjabbli ieħor huwiex proporzjonat, u li l-ispeċifitàjiet tal-fatturi ta' riskju jittieħdu inkunsiderazzjoni. Għal dan il-għan, il-valutazzjoni tal-livell ta' korrelazzjoni għandha tkun ibbażata fuq *data* storika u ġudizzju esperti.

ĠDIDA: LINJA GWIDA 28A – L-ISPEJJEŻ TAL-ĠESTJONI TAL-INVESTIMENT

23. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom fl-aħjar stima jinkludu l-ispejjeż amministrattivi u tan-negożjar assoċjati mal-investimenti meħtieġa għas-servizz tal-kuntratti tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.
24. B' mod partikolari, għall-prodotti li t-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom tal-kuntratt jew tar-regolament jeħtieġu li jidentifikaw l-investimenti assoċjati ma' prodott (eż. il-maġġoranza tal-prodotti marbuta mal-unitajiet u l-prodotti marbuta mal-indiċi, il-prodotti ġestiti f'fondi delimitati u l-prodotti li għalihom jiġi applikat aġġustament korrispondenti), l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw l-investimenti.
25. Għal prodotti oħra, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jibbażaw il-valutazzjoni fuq il-karatteristiċi tal-kuntratti.
26. Bħala simplifikazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jikkunsidraw ukoll l-ispejjeż kollha tal-ġestjoni tal-investment.

27. Ir-rimborsi tal-ispejjeż tal-ġestjoni tal-investment li l-manigġer tal-fond iħallas lill-impriża għandhom jitqiesu bħala flussi oħrajn ta' flus deġlin. Meta dawn ir-rimborsi jinqasnu mad-detenturi tal-poloż jew ma' partijiet terzi oħra, il-flussi korrispondenti ta' fruġ tal-flus għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.

EMENDATA: Linja Gwida 30 – IT-TQASSIM TAL-ISPEJJEŻ

28. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jallokaw l-ispejjeż ġenerali b'mod realistiku u oġġettiv, u għandhom jibbażaw l-allokazzjoni ta' dawn l-ispejjeż fuq l-istrategġiji tan-negozju fit-tul tagħhom, fuq analiżijiet riċenti tal-operazzjonijiet tan-negozju, fuq l-identifikazzjoni ta' motivaturi xierqa tal-ispejjeż u fuq proporzjonijiet rilevanti tat-tqassim tal-ispejjeż.
29. Mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-proporzjonalità u l-ewwel paragrafu ta' din il-linja gwida, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw li jużaw, sabiex jallokaw l-ispejjeż ġenerali matul iż-żmien, is-simplifikazzjoni deskritta fl-Anness Tekniku I, meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- l-impriża ssegwi negozju rinnovabbli kull sena;
  - it-tiġdid irid ikun ikkunsidrat bħala negozju ġdid skont il-limiti tal-kuntatt ta' assicurazzjoni;
  - il-pretensjonijiet iseħħu b' mod uniformi matul il-perjodu tal-kopertura.

EMENDATA: Linja Gwida 33 – IL-BIDLJET FL-ISPEJJEŻ

30. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiżguraw li s-suppożizzjonijiet fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-ispejjeż maż-żmien, inklużi spejjeż futuri li jirriżultaw minn impenji magħmula fid-data tal-valwazzjoni jew qabel, ikunu xierqa u jikkunsidraw in-natura tal-ispejjeż involuti. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jagħmlu provvedimenti għall-inflazzjoni li jkun konsistenti mas-suppożizzjonijiet ekonomiċi magħmula u mad-dipendenza tal-ispejjeż fuq flussi oħra ta' flus tal-kuntratt.

ĠDIDA: Linja Gwida 37a – L-IMĠIBA DINAMIKA TAD-DETENTUR tal-POLZA

31. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jibbażaw is-suppożizzjonijiet tagħhom fuq ir-rata tal-eżerċitar tal-opzjonijiet rilevanti fuq:
- evidenza statistika u empirika, fejn tkun rappreżentattiva tal-imġiba futura, u
  - ġudizzju espert dwar raġunament tajjeb u b' dokumentazzjoni ċara.

32. In-nuqqas ta' *data* għal xenarji estremi ma għandux jiġi kkunsidrat waħdu bħala raġuni biex jiġi evitat l-immudellar dinamiku tal-imġiba tad-detentur ta' polza u/jew l-interazzjoni ma' azzjonijiet ta' ġestjoni futuri.

ĠDIDA: LINJA GWIDA 37B – IS-SUPPOŻIZZJONIJIET BIDIREZZJONALI

33. Meta jstabbilixxu s-suppożizzjonijiet dwar l-imġiba dinamika tad-detentur tal-polza, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw li d-dipendenza fuq l-event skattatur u r-rata tal-eżerċitar tal-opzjoni normalment tkun bidirezzjonali, jiġifieri kemm żieda kif ukoll tnaqqis għandhom jiġu kkunsidrati skont id-direzzjoni tal-event skattatur.

ĠDIDA: Linja Gwida 37C – l-opzjoni li jitħallsu premia addizzjonali jew differenti

34. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jimmudellaw l-opzjonijiet kuntrattwali rilevanti kollha meta jipproġettaw il-flussi tal-flus, inkluż l-għażla li jitħallsu premia addizzjonali jew li jvarjaw l-ammont ta' premia li għandhom jitħallsu li jaqgħu fil-limiti tal-kuntratt.

ĠDIDA: LINJA GWIDA 40A – IL-PIAN TA' ĠESTJONI KOMPENSIV

35. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiżguraw li l-pjan komprensiv ta' azzjonijiet ta' ġestjoni futuri li jkun approvat mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju jkun jew:

- dokument uniku li jelenka s-suppożizzjonijiet kollha relatati ma' azzjonijiet ta' ġestjoni futuri użati fil-kalkolu tal-aħjar stima; jew

- sett ta' dokumenti, akkumpanjat minn inventarju, li b' mod ċar jipprovdi stampa sħiħa tas-suppożizzjonijiet kollha relatati ma' azzjonijiet ta' ġestjoni futuri użati fil-kalkolu tal-aħjar stima.

ĠDIDA: Linja Gwida 40b – Il-kunsiderazzjoni ta' negozju ġdid fl-istabbiliment ta' azzjonijiet ta' ġestjoni futuri

36. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jikkunsidraw l-effett ta' negozju ġdid fl-istabbiliment ta' azzjonijiet ta' ġestjoni futuri u jqisu kif xieraq il-konsegwenzi fuq suppożizzjonijiet relatati oħra. B' mod partikolari, il-fatt li s-sett ta' flussi ta' flus li għandu jiġi pproġettat permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament Delegat dwar il-konfini tal-kuntratti huwa limitat, ma għandux iwassal lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni biex jikkunsidraw li s-suppożizzjonijiet jiddependu biss fuq dan is-sett ipproġettat ta' flussi ta' flus mingħajr l-ebda influwenza ta' negozju ġdid. Dan huwa

partikolarment il-każ għal suppożizzjonijiet dwar l-allokkazzjoni ta' assi riskjużi, il-ġestjoni tad-diskrepanza fid-durata jew l-applikazzjoni ta' mekkaniżmi ta' kondivizzjoni tal-profitti.

#### ĠDIDA: Linja Gwida 53A – L-UŻU TA' VALWAZZJONI STOKASTIKA

37. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jużaw immudellar stokastiku għall-valutazzjoni tal-provvedimenti tekniċi ta' kuntratti li l-flussi tal-flus tagħhom jiddependu fuq avvenimenti u żviluppi futuri, b' mod partikolari dawk b' opzjonijiet u garanziji materjali.
38. Meta jiġi vvalutat jekk huwiex meħtieġ immudellar stokastiku sabiex jiġi kopert b' mod adegwat il-valur tal-opzjonijiet u l-garanziji, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom, b' mod partikolari iżda mhux biss, jikkunsidraw il-każijiet li ġejjin:
39. kwalunkwe tip ta' mekkaniżmu ta' kondivizzjoni tal-profitti li fihom il-benefiċċji futuri jiddependu fuq ir-redditu tal-assi;
40. garanziji finanzjarji (eż. rati tekniċi, anke mingħajr mekkaniżmu ta' kondivizzjoni tal-profitti), b' mod partikolari, iżda mhux biss, fejn ikkombinati ma' opzjonijiet (eż. opzjonijiet ta' ċessjoni) li l-immudellar dinamiku tagħhom iżid il-valur preżenti tal-flussi tal-flus f' xi xenarji.

#### ĠDIDA: Linja Gwida 57A – Il-fatturi ta' riskju tas-suq meħtieġa sabiex jinkisbu riżultati xierqa

41. Meta jiġi vvalutat jekk il-fatturi ta' riskju rilevanti kollha humiex immudellati fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 22(3) u 34(5) tar-Regolament Delegat, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom ikunu jistgħu juru li l-immudellar tagħhom jirrifletti b' mod adegwat il-volatilità tal-assi tagħhom u li s-sorsi materjali tal-volatilità huma riflessi b' mod xieraq (eż. firxiet u riskju ta' inadempjenza).
42. B' mod partikolari, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jużaw mudelli li jippermettu l-immudellar ta' rati tal-imgħax negattivi.

#### EMENDATA: Linja Gwida 77 - Is-suppożizzjonijiet użati għall-kalkolu tal-EPIFP

43. Biex jikkalkulaw il-provvedimenti tekniċi mingħajr marġini ta' riskju skont is-suppożizzjoni li l-premia relatati ma' kuntratti eżistenti ta' assicurazzjoni u ta' riassigurazzjoni li jkun mistennija li jiġu riċevuti fil-futur, ma jkunux riċevuti, l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom japplikaw l-istess metodu attwarju użat biex jikkalkulaw il-provvedimenti tekniċi mingħajr marġini ta' riskju skont l-Artikolu 77 tad-Direttiva Solvenza II, bis-suppożizzjonijiet mibdula li ġejjin:

- il-politiki għandhom jiġu ttrattati daqsliekeku baqgħu fis-seħħ pjuttost milli jiġu kkunsidrati bħala ċeduti;
  - irrispettivament mit-termini legali jew kuntrattwali applikabbli għall-kuntratt, il-kalkolu m'għandux jinkludi penali, tnaqqis jew kwalunkwe tip ieħor ta' aġġustament għall-valutazzjoni attwarja teoretika tal-provedimenti tekniċi mingħajr marġini ta' riskju kkalkulat daqsliekeku l-politika baqgħet fis-seħħ.
44. Is-suppożizzjonijiet l-oħra kollha (eż. il-mortalità, il-waqfiet jew l-ispejjeż) għandhom jibqgħu l-istess. Dan ifisser li l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom japplikaw l-istess perjodu ta' projezzjoni, azzjonijiet ta' ġestjoni futuri u rati tal-eżerċizzju tal-opzjonijiet fuq id-detenturi tal-poloż użati fil-kalkolu tal-aħjar stima mingħajr ma jaġġustawhom biex jikkunsidraw li l-premia futuri mhux se jiġu riċevuti. Anke jekk is-suppożizzjonijiet kollha dwar l-ispejjeż jibqgħu kostanti, il-livell ta' xi spejjeż (eż. spejjeż tal-akkwist jew spejjeż tal-ġestjoni tal-investment) jista' jiġi affettwat indirettament.

ĠDIDA: Linja Gwida 77a – L-APPROĊĊ ALTERNATTIV għall-kalkolu tal-EPIFP

45. L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jistgħu jidentifikaw l-EPIFP bħala parti mill-valur preżenti tal-profitti futuri relatati ma' premia futuri f'każ li l-eżitu ma jiddevjax materjalment mill-valur li kien jirriżulta mill-valwazzjoni deskritta fil-Linja Gwida 77. Dan l-approċċ jista' jiġi implimentat bl-użu ta' disinn tal-formula

#### Regoli dwar il-Konformità u r-Rappurtar

46. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010. F'konformità mal-Artikolu 16(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji huma meħtieġa jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u mar-rakkomandazzjonijiet.
47. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jinkorporawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.
48. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew għandhomx il-ħsieb li jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, bir-raġunijiet għannuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mill-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.



49. Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi mar-rapportar u jiggu rrapportati bħala tali.

Dispożizzjoni finali dwar ir-reviżjoni

50. Dawn il-Linji Gwidase jkunu soġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.